

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: KMB Europe BV

Konvenut: Hauptzollamt Duisburg

**Domanda preliminari**

L-intestatura 8521 tan-Nomenklatura Magħquda, fil-verżjoni li tirriżulta mill-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (¹), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1549/2006, tas-17 ta' Ottubru 2006 (²), għandha tiġi interpretata fis-sens li apparat bħall-apparat li jaqra fajls MP3 u fajls multimedia oħra deskritti iktar 'il quddiem huwa eskużu minn din l-intestatura minħabba li għandu jsir riferiment għall-funzjoni prinċipali tal-apparat li jirriproduċi l-ħoss jew minħabba li l-kapaċċità ta' dan l-apparat li jirriproduċi immaġini fissi u films hija limitata għal screen żgħir b'rīoluzzjoni baxxa u bi frek-wenza ta' immaġini baxxa?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 2, Vol. 2, p. 382.

(²) ĠU L 301, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fis-26 ta' April 2010 — Ze Fu Fleischhandel GmbH vs Hauptzollamt Hamburg-Jonas**

**(Kawża C-201/10)**

(2010/C 209/18)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Hamburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Ze Fu Fleischhandel GmbH

Konvenut: Hauptzollamt Hamburg-Jonas

**Domandi preliminari**

- (1) L-applikazzjoni tar-regola ta' preskrizzjoni pprovdu fl-Artikolu 195 BGB, fil-verżjoni fis-seħħ sa tmiem l-2001, firrigward ta' dritt għal rimbors ta' rifużjoni ta' esportazzjoni indebitament imħallsa, hija kompatibbli mal-prinċipju taċ-ċertezza legali tad-dritt Komunitarju?

indebitament imħallsa, hija kompatibbli mal-prinċipju taċ-ċertezza legali tad-dritt Komunitarju?

- (2) L-applikazzjoni tar-regola ta' preskrizzjoni ta' 30 sena pprovdu fl-Artikolu 195 BGB fir-rigward ta' dritt għal rimbors ta' rifużjoni ta' esportazzjoni indebitament imħallsa, hija kompatibbli mal-prinċipju ta' proporzjonalità tad-dritt Komunitarju?

- (3) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda, l-applikazzjoni ta' terminu ta' preskrizzjoni nazzjonali itwal, fis-sens tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95, tat-18 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (¹), liema terminu ġie stabbilit minn qorti permezz ta' poter ġudizzjarju ta' emerġenza f'każ partikolari, skont l-iżvilupp ġudizzjarju tad-dritt, hija kompatibbli mal-prinċipju ta' ċertezza legali tad-dritt Komunitarju?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 1, Vol. 1, p. 340.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fis-26 ta' April 2010 — Vion Trading GmbH vs Hauptzollamt Hamburg-Jonas**

**(Kawża C-202/10)**

(2010/C 209/19)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Hamburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Vion Trading GmbH

Konvenut: Hauptzollamt Hamburg-Jonas

**Domandi preliminari**

- (1) L-applikazzjoni tar-regola ta' preskrizzjoni pprovdu fl-Artikolu 195 BGB, fil-verżjoni fis-seħħ sa tmiem l-2001, firrigward ta' dritt għal rimbors ta' rifużjoni ta' esportazzjoni indebitament imħallsa, hija kompatibbli mal-prinċipju taċ-ċertezza legali tad-dritt Komunitarju?

(2) L-applikazzjoni tar-regola ta' preskrizzjoni ta' 30 sena pprovduta fl-Artikolu 195 BGB fir-rigward ta' dritt għal rimbors ta' rifużjoni ta' esportazzjoni indebitament imħallsa, hija kompatibbli mal-prinċipju ta' proporzjonalità tad-dritt Komunitarju?

(3) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda, l-applikazzjoni ta' terminu ta' preskrizzjoni nazzjonali itwal, fis-sens tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95, tat-18 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea<sup>(1)</sup>, liema terminu ġie stabbilit minn qorti permezz ta' poter ġudizzjarju ta' emerġenza f'każ partikolari, skont l-iżvilupp ġudizzjarju tad-dritt, hija kompatibbli mal-prinċipju ta' ċertezza legali tad-dritt Komunitarju?

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 340.

kumpannija, meta l-Istat Membru kien preċedentement irri-nunzja għall-ġbir ta' din it-taxxa fid-data tal-adeżjoni tiegħu (fl-1 ta' Mejju 2004)?

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 11.

<sup>(2)</sup> Direttiva tal-Kunsill li temenda Direttiva 69/335/KEE rigward taxxi indiretti fuq il-ġbir ta' kapital, ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 122.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (Ir-Renju Unit) fl-4 ta' Mejju 2010 — Pacific World Limited, FDD International vs Commissioners for her Majesty's Revenue u Customs**

**(Kawża C-215/10)**

**(2010/C 209/21)**

**Lingwa tal-kawża: l-Ingliż**

#### **Qorti tar-rinviju**

First-tier Tribunal (Tax Chamber)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Wojewódzki Sąd Administracyjny w Gliwicach (ir-Repubblika tal-Polonja) fit-3 ta' Mejju 2010 — Logstor ROR Polska Sp. z o.o. vs Dyrektorowi Izby Skarbowej w Katowicach**

**(Kawża C-212/10)**

**(2010/C 209/20)**

**Lingwa tal-kawża: il-Polakk**

#### **Qorti tar-rinviju**

Wojewódzki Sąd Administracyjny w Gliwicach.

#### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Pacific World Limited, FDD International.

Konvenuti: Commissioners for her Majesty's Revenue u Customs.

#### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Logstor ROR Polska Sp. z o.o.

Konvenut: Dyrektorowi Izby Skarbowej w Katowicach.

#### **Domandi preliminari**

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1417/2007<sup>(1)</sup>, tat-28 ta' Novembru 2007 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti merkanziji fin-Nomenklatura Magħquda huwa validu sa fejn jikklassifika taħt il-kodiċi NM 3926 90 97 id-dwiefer foloz u għaldaqstant, is-settijiet tad-dwiefer foloz deskritti fl-Anness I tal-imsemmi regolament?

(2) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, in-Nomenklatura Magħquda għandha tiġi interpretata fis-sens li teħtieġ li, is-settijiet tad-dwiefer foloz inkwistjoni jiġu kklassifikati, bħala "Preparazzjonijiet għas-sbuħija jew għall-irtokk u preparazzjonijiet għall-kura tal-ġilda (minbarra medikamenti), inklużi prodotti għall-ħarsien mix-xemx jew

#### **Domandi preliminari**

L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 69/335/KEE, tas-17 ta' Lulju 1969, li tikkonċerna taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital<sup>(1)</sup>, emendata fis-17 ta' Ġunju 1985 bl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 85/303/KEE<sup>(2)</sup>, tal-10 ta' Ġunju 1985, jippermetti lil Stat Membru li jintroduċi mill-ġdid, fl-1 ta' Jannar 2007, dazju fuq il-kapital fuq self meħud minn kumpannija b'kaptial azzjonarju, jekk il-kreditur ikollu dritt għal sehem mill-qligħ tal-